# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 18**

**Rikors numru 274/2020/1 FDP**

**Michelle Vella, Stephen Anthony Camilleri**

**v.**

**Philip Camilleri, Peter Paul Camilleri, Maria Pisani**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur imressaq mill-atturi Michelle Vella u Stephen Anthony aħwa Camilleri, datat 7 ta' Mejju, 2020, li permezz tiegħu talbu s-segwenti:

> "1. Illi rikorrenti huma ulied il-mejjet Anthony Camilleri, bin il-mejjet Francis Xavier u Olga Camilleri u huma ukoll neputijiet tal-intimati;
> 2. Illi permezz ta' Testment Unica Charta ippublikat fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu 2001, il-konjuġi Francis Xavier u Olga Camilleri, wara li ħallew lil xulxin b'legat id-dritt ta' użufrutt

ġenerali tal-assi kollha tagħhom, innominaw bħala werrieta universali tagħhom lill-erba' uliedhom Philip Camilleri, Anthony Camilleri, Peter Paul Camilleri, u Maria miżżewġa Pisani (Dok. MC1);

3. Illi fit-30 ta' Novembru 2012 miet Anthony Camilleri, iben it-Testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri u ħalla warajh lill-uliedu Michelle u Stephen, ir-rikorrenti odjerni;
4. Illi fit-3 ta' April 2013, ftit xhur biss wara l-mewt ta' binha Anthony, mietet Olga Camilleri, it-testatriċi fit-testment su riferit u sussegwentement ġiet ippublikata l-Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar fit-3 ta' Ottubru 2013. Fuq dan l-att deher l-istess żewġha Francis Xavier, debitament rappreżentat minn uliedu, dehru ukoll fuq dan l-att in-neputijiet tiegħu u tad-decujus martu Olga, r-rikorrenti Stephen u Michelle aħwa Camilleri, ilkoll dehru bħala l-werrieta, bl-aħwa Stephen u Michelle jidhru in sustituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri (Dok.MC2);
5. Illi t-testatur Francis Xavier sive Saverio Camilleri miet fit-8 ta' Marzu 2019, ċirka sitt snin wara l-mewt ta' martu Olga, u matul dan il-perjodu, l-istess Francis Xavier kellu relazzjoni eċċellenti man-neputijiet tiegħu, r-rikorrenti odjerni, u qatt ma kien hemm problemi bejniethom. Ma kien hemm qatt problemi lanqas bejnhom u bejn iz-zijiet tagħhom, il-mewt ta' missierhom inanzitemp kien dejjem weġgħa għalihom kollha, n-nanniet, iz-zijiet u naturalment tagħhom u ta' ommhom;
6. Illi wara l-mewt tal-istess Francis Xavier sive Saverio Camilleri, l-intimati ingħataw parir li huma biss wirtu lill missierhom, in-nannu tar-rikorrenti u dan minħabba l-mod kif kien redatt il-klawsola numru ħamsa (5) tat-testment unica carta su riferita u eżebita markata Dok MC1. Din il-klawsola tistipula *Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate and appoint as the sole and universal heirs of all their property, present and future, moveable and immovable, in Malta or abroad, their four children namely : Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children*;
7. Illi dan fisser li l-mod kif redatt l-istess klawsola jeskludi lir-rikorrenti milli jirtu *per stirpes* sehem missierhom;
8. Illi din l-interpretazzjoni ġiet sostenuta minkejja li fil-Causa Mortis fil-każ tal-wirt tat-testatriċi Olga Camilleri, il-komparenti, inkluż l-intimati u anke t-testatur Francis Xavier sive Saverio Camilleri, ilkoll qablu u rrikonoxxew li l-istess rikorrenti Stephen u Michelle aħwa Camilleri, huma l-werrieta bis-sostituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri;
9. Illi l-intenzjoni tat-testaturi Francis Xavier Camilleri u Olga Camilleri ma kienet qatt li jħallu 'l barra lil ulied binhom Anthony Camilleri, li miet qabilhom, kif jidher ċar mir-relazzjoni li huma dejjem kellhom kemm ma' binhom Anthony Camilleri, u kif ukoll ma' uliedu r-rikorrenti Stephen Anthony u Michelle aħwa Camilleri, u di piu kif ikkonfermat mill-fatt li l-istess testatur Francis

Xavier Camilleri kien wieħed mid-dikjaranti fil-Causa Mortis tat-3 ta' Ottubru 2013, permezz ta' liema, ir-rikorrenti Stephen Anthony u Michelle aħwa Camilleri ġew rikonoxxuti bħala werrieta bis-sostituzzjoni ta' misserhom u dawn ftit fost diversi sinjali oħra li tagħhom ser jinġabu l-provi waqt l-andament tal-kawża;

10. Illi għalhekk jidher ċar li l-istess testatur Francis Xavier Camilleri, interpreta t-Testment Unica Charta tiegħu stess fis-sens li r-rikorrenti għandhom jistitwixxu lil missierhom Anthony Camilleri u għalhekk is-sekwenza tal-kliem "*with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children*" fit-testment Unica Charta, tiegħu u ta' martu ppublikat minn Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu 2001 (DOK MC1) kien żball tan-Nutar u ma jirriflettix ir-rieda tat-Testaturi, kif jirriżultaw żbalji oħra fit-testment ukoll fl-istess artikolu fejn flok il-kelma *'their'* in-Nutar jikteb '*the*' ;
11. Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li t-testaturi konjuġi Camilleri ma riedux bl-ebda mod jaqtgħu l-barra xi neputijiet mill-wirt tagħhom u li hija biss żball ta' kif ġie redatt it-testment, żball ta' sekwenza ta' kif tpoġġew il-kliem u mhux l-intenzjoni tal-istess testaturi ;
12. Illi l-intimati iffirmaw Causa Mortis publikat fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Grech fis-6 ta' Settembru 2019 (MC3), fejn l-intimati Philip Camilleri, Peter Paul Camilleri, u Maria Pisani, iddikjaraw li in forza tat-testment tas-6 ta' Awwissu 2001, peress li iben it-testatur u missier ir-rikorrenti miet qabel l-istess testatur, skont id-dritt tal-akkrexximent stipulat fl-imsemmi testment, l-uniċi eredi huma l-intimati u konsegwentement ir-rikorrenti ġew esklużi għal kollox mill-wirt;
13. Illi l-kawża mortis saret minn wara dar ir-rikorrenti u għalhekk sussegwentement fis-sebgħa (7) ta' Jannar 2020 huma iffirmaw causa mortis ukoll ippubblikata fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina fejn ddikjaraw għal kull buon fini li huma eredi ukoll tad-decujus Francis Xavier Camilleri (MC 4);
14. Illi reċentement saru jafu li l-intimati ġja żbankaw il-flus li kellu depożitat id-decujus mill-Bank of Valletta plc (MC5). Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kliem "with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children" fil-ħames klawsola tat-testment Unica Charta tat-testaturi Francis Xavier Camilleri, u Olga Camilleri nee Mifsud, ippublikat fl-atti Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu 2001 ma jirriflettiex l-intenzjoni tad-decujus, u tniżżlu fis-sekwenza żbajlata b'tali mod li l-ewwel kellha titniżżel is-sostituzzjoni u mbagħad l-akkrexximent.
2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti huma l-werrieta universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom il-mejjet Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri.

3. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ippublikat fl-atti Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu 2001 fis-sens li l-klawsola numru ħamsa (5) tiġi taqra *Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate and appoint as the sole and universal heirs of all their property, present and future, moveable and immovable, in Malta or abroad, their four children namely : Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, with the substitution of their respective spouse and children, and with the right of accretion.*

Bl-ispejjeż, inkluż l-ispejjes ta' sekwestru u tal-mandat ta' Inibizzjoni ppreżentati kontestwalment ma' dan l-att, kontra l-intimati, li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."

2. Rat illi fit-23 ta' Ġunju, 2020, il-konvenuti aħwa Camilleri wieġbu għall-pretensjonijiet tal-atturi billi ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi huma jopponu t-talbiet imressqa mill-atturi u dan peress li ma kien hemm l-ebda sekwenza żbaljata ta' kliem imniżżla fit-testment datat 6 ta' Awwissu, 2001 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar u li dak miktub f'dak it-testment kien jirrifletti l-intenzjoni tat-testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri.

2. Illi dak li effettivament qegħdin jippruvaw jagħmlu l-atturi huwa li jbiddlu dak miktub fuq it-testment datat 6 ta' Awwissu, 2001 u u r-rieda tat-testaturi fuq dak it-testment, ħaġa li ma hijiex konsentita mill-liġi ġaladarba l-intenzjoni tat-testaturi kienet ċara.

3. Illi għalhekk, ġaladarba missierhom Anthony Camilleri ġie nieqes qabel ommu Olga u missieru Francis Xavier, l-atturi, li huma ulied Anthony, qatt ma setgħu jirtu lin-nannu tagħhom Francis Xavier Camilleri u wisq anqas lin-nanna tagħhom Olga Camilleri. Dwar din tal-aħħar, il-konvenuti qegħdin kontestwalment ma din ir-risposta magħlufa tagħhom iresqu l-kontrotalba relattiva.

4. Konsegwentement, il-konvenuti qegħdin jopponu għat-talbiet tal-atturi u jitolbu lill-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.

5. Salv risposti ulterjuri."

3. Rat illi kontestwalment mar-risposta ġuramentata l-konvenuti ppreżentaw kontrotalba li permezz tagħha talbu:

"1. Illi l-konvenuti huma ulied id-defunti Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri li ġew nieqsa fit-8 ta' Marzu, 2019 u fit-3 ta' April, 2013 rispettivament;

2. Illi missier l-atturi Anthony, li jiġi ħu l-konvenuti u iben id-defunti Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri ġie nieqes fit-30 ta' Novembru, 2012;
3. Illi d-defunti konjuġi Camilleri kienu għamlu żewġ testmenti, wieħed fit-2 ta' Frar, 1985 fl-atti tan-Nutar George Cassar u ieħor datat 6 ta' Awwissu, 2001 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar. Illi huwa l-aħħar testment u ċioe dak tas-6 ta' Awwissu, 2001 li jirregola l-wirt tad-defunti konjuġi Camilleri.
4. Illi f'dawn iż-żewġ testmenti, hawn appena msemmija, id-defunti konjuġi Camilleri kienu ddikjaraw hekk għar-rigward tal-eredi universali tagħhom:

Testment datat 2 ta' Frar, 1985

"*THE FOURTH ARTICLE:*

*Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate and appoint as the sole and universal heirs of all their property, present and future, movable and immovable, in Malta or abroad, their four children namely Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, and with the subsitution of their respective children*".

U

Testment datat 6 ta' Awwissu, 2001

*"THE FIFTH ARTICLE*

*Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate as the sole and universal heirs of all their property, present and future, movable and immovable, in Malta or abroad, their four children namely: Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children".*

5. Illi għalhekk, filwaqt li fl-ewwel testment tagħhom id-defunti konjuġi Camilleri, u ċioe dak tal-1985 riedu li jirtuhom l-erba' (4) uliedhom u fin-nuqqas ta' xi wieħed minnhom, minn ulied uliedhom, fit-testment tal-2001, li huwa dak validu u viġenti skont il-liġi, d-defunti konjuġi Camilleri riedu li jirtuhom l-erba' (4) uliedhom u fin-nuqqas ta' xi wieħed minnhom, ikun hemm l-akkrexximent bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni ta' żewġhom jew marthom u uliedhom.
6. Illi għalhekk, in vista tal-aħħar testment tad-defunti konjuġi Camilleri, dak tal-2001, meta ġie nieqes missier l-atturi u ħu l-konvenuti, Anthony, ulied dan ta' l-aħħar ma setgħu qatt ikunu eredi tad-defunta Olga Camilleri, jew ta' żewġha Francis Xavier Camilleri, kif qegħdin jippretendu fil-kawża tagħhom, skont l-intenzjoni u r-rieda tad-defunti konjuġi Camilleri, l-għaliex dak li kien jispetta lill-missier l-atturi Anthony mill-wirt tal-ġenituri tiegħu Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, ġaladarba dan ġie nieqes qabel il-ġenituri tiegħu, għadda fuq ir-rimanenti tlett ulied ħajjin tad-defunti konjuġi Camilleri. It-tlett ulied ħajjin tad-defunti konjuġi Camilleri huma l-konvenuti odjerni.

7. Illi għalhekk, l-atturi ma jistgħux u ma setgħux jiddikjaraw u jippretendu li huma l-eredi tad-defunta Olga Camilleri – ċioe n-nanna tagħhom u omm missierhom id-defunt Anthony – hekk kif għamlu fid-dikjarazzjoni causa mortis datata 3 ta’ Ottubru, 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar.
8. Illi għalkemm il-konvenuti kienu dehru fuq l-imsemmija causa mortis datata 3 ta’ Ottubru, 2013 u għalkemm il-konvenut Philip Camilleri kien deher ukoll għan-nom ta’ missieru Francis Xavier Camilleri, huwa kien mexa fuq il-parir tan-Nutar li kien irrediga l-imsemmija causa mortis u cioe n-Nutar Pierre Cassar u qatt ma kien qajjem dan il-fatt li tqajjem reċentement – u ċioe li l-atturi ma humiex l-eredi tad-defunti konjuġi Camilleri – meta saru r-riċerki testamentarji wara li kien ġie nieqes l-istess Francis Xavier Camilleri u hu u ħutu ħadu parir dwar it-testment tal-ġenituri tagħhom, id-defunti konjuġi Camilleri, tal-2001.
9. Illi għalhekk, l-atturi odjerni, in vista ta’ dak li riedu u xtaqu d-defunti konjuġi Camilleri fit-testment tagħhom tal-2001 ma jistgħux jitqiesu u ma humiex l-eredi tad-defunta Olga Camilleri.
10. Illi minkejja dan il-fatt, l-atturi xorta waħda baqgħu jippersistu fl-aġir tagħhom u minkejja li ġew avżati li huma ma humiex l-eredi tad-defunta Olga Camilleri skont it-testment magħmul fl-2001, huma baqgħu jippretendu li huma l-eredi tagħha. Apparti dan, kif diġa ngħad, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Onorabbli Qorti sabiex hekk tiddikjarahom bħala eredi ukoll tad-defunt Francis Xavier Camilleri, talba li huma għamlu fil-kawża prinċipali. Illi l-konvenuti odjerni ma humiex jaqblu ma din l-interpretazzjoni tagħhom l-għaliex tali interpretazzjoni ma hijiex skont l-aħħar volonta u r-rieda tat-testaturi, id-defunti, konjuġi Camilleri minnhom magħmula fit-testment datat 6 ta’ Awwissu, 2001 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar.
11. Illi l-konvenuti qegħdin jipprevalixxu ruħhom bil-kawża prinċipali sabiex jintavolaw din il-kontrotalba;
12. Illi l-konvenut jaf b’dawn il-fatti personalment;

Jgħidu għalhekk l-atturi rikonvenzjonati għaliex ma għandiex l-Onorabbli Qorti, previa kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja, u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi ma għandhiex:-

1. TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI li l-atturi Stephen Anthony Camilleri u Michelle miżżewġa Vella ma humiex l-eredi tad-defunta Olga Camilleri.
2. TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI li dak kollu li l-imsemmija atturi Stephen Anthony Camilleri u Michelle miżżewġa Vella ħadu indebitament mill-wirt ta’ Olga Camilleri għandu jiġi restitwit lura minnhom lill-konvenuti odjerni li huma l-werrieta ta’ ommhom, id-defunta Olga Camilleri.
3. TIKKUNDANNA lill-atturi sabiex jirrestitwixxu lill-konvenuti dak kollu li l-istess atturi Stephen Anthony Camilleri u Michelle miżżewġa Vella ħadu indebitament mill-wirt tad-defunta Olga

Camilleri f'terminu qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss mill-Onorabbli Qorti.

4. TORDNA li titħassar, id-dikjarazzjoni magħmula mill-atturi fuq id-dikjarazzjoni causa mortis datata 3 ta' Ottubru, 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar u għal dan il-għan, wara li TISTABILIXXI data, lok u ħin għal tali pubblikazzjoni, TAĦTAR Nutar sabiex jagħmel tali att, u TAĦTAR kuraturi deputati sabiex jidhru għal assenti fuq tali att, jekk ikun il-każ. Bl-ispejjeż kollha, kontra l-atturi li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."

4. Rat illi l-atturi rikonvenzjonati wieġbu l-kontrotalba fis-6 ta' Awwissu, 2020, u permezz tar-risposta tagħhom eċċepew:

"1. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet għandhom jiġu miċħuda fil-fatt, fi dritt, u bl-ispejjeż, u dan għas-segwenti raġunijiet;

2. Illi preliminarjament il-kontrotalba hija irrita u nulla, in kwantu filwaqt li l-kawża odjerna tittratta l-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, ir-rikonvenzjonanti qed jagħmlu talba għar-restituzzjoni tal-wirt ta' persuna oħra, Olga Camilleri, u għalhekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rrilevat li r-rikonvenzjonanti aċċettaw il-wirt tad-defunta Olga Camilleri kif inhu, li mietet fit-3 ta' April 2013, u dan wara li ġiet ippubblikata l-Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar fit-3 ta' Ottubru 2013, wara li saret diviżjoni volontarja tal-imsemmi wirt, u għaldaqstant ġaladarba aċċettaw din id-diviżjoni volontarjament ma jistgħux issa jmorru lura minn din id-deċiżjoni tagħhom;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost għall-pubblikazzjoni tal-imsemmija Causa Mortis tat-3 ta' Ottubru 2013, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, dehru r-rikonvenzjonanti, ir-rikonvenzjonati, kif ukoll Francis Xavier Camilleri, ir-raġel tad-defunta, li flimkien mal-istess martu Olga ppubblika t-Testment Unica Charta datat 6 ta' Awwissu 2001, fejn ilkoll qablu li r-rikonvenzjonati għandhom jirtu in sostituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri u fis-16 ta' Frar 2019 ir-rikonvenzjonati dehru wkoll bħala vendituri fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà li huma wirtu in sostituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost id-defunta Olga Camilleri, bħar-raġel tagħha Francis Xavier Camilleri, kellha relazzjoni eċċellenti ma' binha Anthony Camilleri u man-neputijiet tagħha r-rikonvenzjonati, qatt ma kien hemm diżgwid jew problemi bejniethom, lanqas wara l-mewt ta' binha Anthony Camilleri, u ma kienx hemm l-iċken ombra ta' dubju li wlied Anthony Camilleri kienu ser jidħlu fiż-żarbun tiegħu in kwantu wirt, tant li sussegwentement, l-istess rikonvenzjonanti, iffirmaw il-Causa Mortis u qasmu l-wirt bejniethom kif għadu sal-lum;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dak li qed jintalab effettivament jammonta għal diżeridazzjoni, ħaġa li d-defunta Olga Camilleri żgur qatt ma kkontemplat u ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni jew bażi legali għal dan;
7. Illi din żgur qatt ma kienet l-intenzjoni tad-defunta Olga Camilleri kif ser jiġi ppruvat faċilment waqt il-kors tal-ġbir tal-provi. Dak li seħħ, seħħ biss frott ta' lapsus legali da parti ta min irredieġa l-imsemmi testment;
8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, permezz tat-talbiet tagħhom, ir-rikonvenzjonanti mhux qed jitolbu sempliċiment tibdil fid-diviżjoni tal-wirt, imma li r-rikonvenzjonati jiġu mneħħija mill-wirt li għadda fil-pussess tagħhom, u li jiġi ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti li huma mhumiex werrieta tad-defunta Olga Camilleri. Dawn it-talbiet jammontaw għal attakk tal-aċċettazzjoni tagħhom stess tal-imsemmi wirt kif inhu sal-lum, u dan mingħajr ma jagħtu raġuni valida kif titlob il-liġi;
9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Frar, 2023, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Dwar it-Talba Konvenzjonali
Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u għalhekk:
Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:
Tiddikjara li l-kliem "*with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children*" fil-ħames klawsola tat-testment unica charta tat-testaturi Francis Xavier Camilleri, u Olga Camilleri nee Mifsud, ippublikat fl-atti Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awissu 2001ma jirriflettix l-intenzjoni tad-decujus, u tniżżlu fis-sekwenza żbaljata b'tali mod li l-ewwel kellha titniżżel is-sostituzzjoni u mbagħad l-akkrexximent.
Tiddikjara li r-rikorrenti huma l-werrieta universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom il-mejjet Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri.
Tordna l-korrezzjoni ippublikata fl-atti Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awissu 2001 fis-sens li l-klawsola numru ħamsa (5) tigi taqra "*Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate and appoint as the sole and universal heirs of all their property, present and future, movable and immovable, in Malta or abroad, their four children namely: Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, with the substitution of their respective spouse and children, and with the right of accretion*.", liema korrezzjoni għandha ssir min-Nutar Herbert Cassar, fejn huwa għandu jerfa' l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' tali pubblikazzjoni.
Dwar it-talba Rikonvenzjonali
Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari għat-talbiet rikonvenzjonali.

Tilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet fil-mertu għat-talbiet rikonvenzjonali, u għalhekk,
Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali kollha għar-raġunijiet spjegati.
L-ispejjeż għall-proċedura odjerna, minħabba l-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fejn jirrigwarda t-talba konvenzjonali, dawna għandhom ikunu nofs a kariku tal-intimati u nofs a kariku tar-rikorrenti, filwaqt illi għar-rigward għat-talba rikonvenzjonali, l-ispejjeż għandhom ikunu kollha a kariku ta' l-intimati."

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fatti tal-każ

28. Jirriżulta li r-rikorrenti huma ulied id-defunt Anthony Camilleri, ħu l-intimati, li kien l-iben Francis Xavier u Olga Camilleri, li kienu n-nanniet, fejn għalhekk ir-rikorrenti huma neputijiet tal-intimati.

29. Jirriżulta li Francis Xavier u Olga Camilleri kienu għamlu testment unica charta fis-6 ta' Awissu 2001, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar Dok MC1 fol 6 fejn innominaw bħala werrieta universali tagħhom lil '*Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri'*.

30. Jirriżulta li fit-30 ta' Novembru 2012, miet missier ir-rikorrenti u hu l-intimati, ossija Anthony Camilleri.

31. Jirriżulta illi ftit xhur wara, mietet Olga Camilleri, ossija omm l-intimati u nanna tar-rikorrenti, fit-3 ta' April 2013.

32. Jirriżulta li meta saret id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Olga Camilleri fit-3 ta' Ottubru 2013 gie dikjarat min-Nutar li ippublika l-att li: "c) *hija innominat bħala werrieta universali tagħha lill-erba' uliedha ċioe` Philip, Anthony, Peter Paul u Maria mart Francis Xavier Pisani f'sehem ugwali bejniethom u bl-akkrexximent bejniethom u bis-sostituzzjoni ta' uliedhom u d) illi binha Anthony Camilleri miet qabilha fit-tletin ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (30/11/2012) għalhekk wirtuha ż-żewġ uliedu, ċioe` Stephen, Anthony u Michelle*."

33. Jirriżulta li eventwalment, fit-8 ta' Marzu 2019, miet Xavier Camilleri, missier l-intimati u nannu tar-rikorrent.

34. Jirriżulta li meta kienet ser issir id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Francis Xavier Camilleri, l-intimati marru għand in-Nutar Vanessa Grech u ġew infurmati li kif kien redatt it-testment *unica charta* min-Nutar Herbert Cassar, u abbażi tal-artikolu 5 tat-testment tas-6 ta'

Awissu 2001, ulied ħuhom Anthony Camilleri ma setgħux jitqiesu werrieta ta' Francis Xavier Camilleri

Ikkunsidrat

35. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qegħdin, permezz tal-azzjoni prezenti, jitolbu li l-kliem 'with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children' fil-ħames klawsola tat-testment *unica charta* tat-testaturi Francis Xavier Camilleri u Olga Camilleri fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awissu 2001 ma jirriflettux l-intenzjoni tad-decujus, u tniżżlu f'sekwenza żbaljata b'mod li l-ewwel kellha titniżżel is-sostituzzjoni, imbagħad l-akkrexximent, u mhux kien attwalment seħħ.

36. Konsegwentement, qed tintalab li tiġi ordnata korrezzjoni tat-testment *unica charta* f'dan is-sens. Di piu`, ġie mitlub jiġi dikjarat li r-rikorrenti huma werrieta universali bis-sostituzzjoni tad-defunt missierhom Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri.

37. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati irrespinġew il-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi opponew għat-talbiet tar-rikorrent għaliex ma kien hemm l-ebda sekwenza żbaljata imniżżla fit-testment datat 6 ta' Awissu 2001, u li dak li qed jippruvaw jagħmlu r-rikorrenti huwa li jbiddlu dak miktub fit-testment. Ġie eċċepit ukoll, li r-rikorrenti, ladarba ġie nieqes missierhom Anthony Camilleri ma setgħux jirtu lin-nannu tagħhom Francis Xavier Camilleri u lin-nanna Olga Camilleri.

38. Jirriżulta, di piu`, li l-intimati ippreżentaw kontrotalba fejn sostnew u talbu li jiġi dikjarat li r-rikorrenti mhumiex l-eredi tad-defunta Olga Camilleri, konsegwentement, qed jiġi mitlub jiġi dikjarat li r-rikorrenti għandhom jirrestitwixxu dak li ħadu mill-wirt ta' Olga Camilleri, u ġie mitlub ukoll li titħassar id-dikjarazzjoni fuq id-dikjarazzjoni causa mortis tat-3 ta' Ottubru 2013.

39. Fir-risposta tagħhom għall-kontrotalba r-rikorrenti sostnew preliminarjament li t-talbiet jitrattaw il-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, u l-intimati rikonvenzjonanti għamlu talba għar-restituzzjoni tal-wirt ta' persuna oħra, li hija Olga Camilleri, għalhekk dan ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre`, ġie sostnut li l-wirt ta' Olga Camilleri ħie aċċettat wara li ħiet ippubblikata d-dikjarazzjoni causa mortis fit-3 ta' Ottubru 2013, wara li saret diviżjoni volontarja tal-imsemmi wirt. Ġie sostnut ukoll, li kienu dehru l-partijiet kif ukoll Francis Xavier Camilleri, ir-raġel tad-defunta Olga Camilleri fejn ġie maqbul li r-rikorrenti kellhom jirtu in sostituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri, u fis-16 ta' Frar 2019, kienu dehru wkoll bħala vendituri fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta` li wirtu in sostituzzjoni ta' missierhom. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll, li Olga Camilleri, u żewġha Francis Xavier Camilleri kellhom relazzjoni eċċellenti ma' binhon Anthony Camilleri u man-neputijiet, ir-rikorrenti rikonvenzjonati. Di piu`, dak li qed jintalab fil-kontrotalba hija

diżeridazzjoni, li minn imkien ma tirriżulta fit-testment unica charta mertu ta’ dan il-każ. Ġie sostnut ukoll, fir-risposta għall-kontrotalba li dak li seħħ kien biss frott ta’ lapsus legali. Fl-aħħarnett, ġie sostnut, li dak mitlub fil-kontrotalba, jammontaw għal attakk tal-aċċettazzjoni tagħhom tal-wirt mingħajr ebda raġuni valida.

Konsiderazzjonijiet – It-talbiet u l-Artikolu 5 tat-testment unica charta tas-6 ta’ Awissu 2001.

40. Ir-rikorrenti permezz tal-proċedura odjerna, jisħqu illi dak indikat fl-Artikolu ħamsa (5) tat-testment tas-6 ta’ Awissu 2001, Dok MC1 fol 6, ma jirriflettix l-intenzjoni tad-decujus, b’hekk qed jintalab li issir korrezzjoni tal-kliem f’dak l-istess artikolu ħamsa (5) tat-testment.

41. Għalhekk, il-pern tal-kwistjoni odjerna, hija prinċipalment ibbażata fuq dan l-Artikolu ħamsa (5) tat-testment *unica carta* ta’ Olga Camilleri u ta’ Francis Xavier Camilleri, u l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar il-kliem użat f’dan l-istess Artikolu 5 tat-testment.

42. Ir-rikorrenti sostnew fis-sottomissjonijiet, li għalkemm mhumiex jippruvaw jimpunjaw testment, qed jitolbu lill-Qorti tinterpreta il-klawsola fit-testment *unica carta* tal-konjuġi Olga u Francis Xavier Camilleri redatt min-Nutar Herbert Cassar ta’ tas-6 ta’ Awissu 2001. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-kwistjoni prinċipali f’dan il-każ tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawsola ħamsa (5) tal-imsemmi testment, fid-dawl tax-xhieda mogħtija mill-istess Nutar Herbert Cassar fl-atti ta’ dan il-każ.

43. Mil-banda l-oħra, l-intimati opponew għat-talbiet tar-rikorrenti, u sostnew li ma kien hemm l-ebda sekewenza żbaljata tal-kliem imniżżla f’dak l-artikolu ħamsa (5) tat-testment tas-6 ta’ Awissu 2001, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar,

44. Dwar dan il-punt, l-intimati irreferew fis-sottomissjonijiet tagħhom, għall-artikoli 683 u 692 tal-Kodiċi Ċivili. Inoltre`, irreferew ukoll, b’mod dettaljat għall-każistika ġenerali, li tenunċja regoli dwar disposizzjonijiet testamentarji. Fost il-kawżi ċitati, hemm il-każ Dr Paolo Vincenzo Caruana et vs Maria Antonia Portanier deċiża fis-7 ta’ Jannar 1884 u l-Appell deċiż fit-18 ta’ Jannar 1885. F’dan il-każ jingħad, li fejn il-kliem ta’ disposizzjoni testamentarja ma toffrix ambigwita, mhuwiex leċitu li jiġi mibdul is-sens ċar tagħhom. Saret ukoll referenza għall-ġurisprudenza ampja fosthom, il-kawżi Zammit Tabona pro et noe vs Cremona et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Ġunju 2007, Alden et vs Pace, Prim’ Awla deċiża fis-27 ta’ Ġunju 2003, Gera De Petri Bonici Axiaq vs Testaferrata Moroni Viani et deċiża mill-Prim’ Awla fid-19 ta’ Diċembru 2012, fejn ingħad li hija norma prinċipali fit-testment illi wieħed għandu jirrikorri għal interpretazzjoni litterali.

45. Ġie sottomess ukoll, li f'dan l-istess każ suċitat Zammit Tabona pro et noe vs Cremona et, fejn ġie ritenut li meta r-rieda tat-testaur hija miktuba, wieħed għandu ifittixha fil-kliem stess u mhux jimmaġinaha jew joħloqha, u għalhekk ma għandhiex issir indaġini dwar kif l-aħjar kellha tinkiteb, iżda tillimita l-eżami għar-rieda espressa.

46. Il-Qorti, madanakollu, tqis illi, in vista tal-fatispeċje tal-każ u tax-xhieda mogħtija, ikun opportun illi wieħed jifhem il-ħsieb wara t-testment li sar. Hawnhekk, huwa sinjifikanti ix-xhieda tan-Nutar Herbert Cassar, li kien in-Nutar illi rrediġa l-ftehim u li għalhekk jiftakar il-fatt tal-każ fejn jgħid, li għalkemm ma jiftakarx in-nies meta irrediġa t-testment iżda: "L-intenzjoni dejjem hi li l-ewwel huwa s-substitution imbagħad l-accretion skont ir-regoli t'hawn….meta ma hemmx testment."

Meta mistoqsi mill-Qorti, x'riedu jgħidu t-testaturi fil-każ odjern, in-nutar irrisponda hekk:

*"L-intenzjoni dejjem kienet li l-ewwel ikun hemm is-substitution u mbagħad l-accretion*."

47. Fi kliemu in-Nutar kien preċiż, jidher li l-intenzjoni tkun li l-ewwel jitniżżel substitution imbagħad accretion. Fit-testment redatt minnu fil-vertenza odjerna sar il-kuntrarju, l-ewwel tniżżel 'l-accretion' u fl-aħħar 'substitution'. Jiġi osservat ukoll, li in sostenn għal dan, in-Nutar esebixxa diversi testmenti redatti minnu u minn nutara oħra, li jiktbu din il-klawsola bl-istess mod. Inoltre`, in-Nutar ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu li l-kalwsola ħamsa (5) tal-imsemmi testment ġiet redatta u miktuba minnu. Dan qed jingħad, għaliex in-Nutar fix-xhieda tiegħu, insista u irrepeta li din hija l-mod kif kienu jiktbu in-nutara, għalhekk, huwa evidenti, u ma joħroġ imkien mix-xhieda tan-nutar, li kienet ir-rieda tad-decujus, li jeskludi lil xi ħadd mill-eredi tagħhom. Għalhekk, jiġi dedott, li sar żball da parti tan-Nutar Herbert Cassar.

48. Meta referut għall-ewwel testment li kien sar minn Olga Camilleri u Francis Xavier Camilleri Dok MP1 tat-2 ta' Frar 1985 fl-atti tan-Nutar George Cassar esebit fol 237 *et sequitur*, in-nutar Herbert Cassar xehed li f'dak it-testment li ma kienx sar minnu, kien hemm biss 'substitution' u ma sarx 'accretion'. In-Nutar semma' li hemm każ simili ieħor għal dan odjern, fejn it-testment ġie redatt minn Nutar ieħor fejn tniżżel 'accretion qabel substitution', u hemm każ il-Qorti dwaru wkoll. Meta mistoqsi irċeviex xi ittra uffiċjali, protest jew ittri legali da parti tar-rikorrenti, huwa qal li ma rċieva xejn.

49. Wara eżami akkurat tal-provi in atti u tar-riżultanzi fattwali, u wara analizi tax-xhieda tan-Nutar Herbert Cassar, jidher li dak mitlub fil-ħames artikolu tat-testment unica charta tas-6 ta' Awissu 2001, inkiteb konsegwenza ta' lapsus legali, għaliex tniżżel accretion qabel substitution fis-sekwenza ta' kif inkiteb il-kliem fl-artikolu ħamsa (5) tat-testment.

50. Di piu`, iċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ u mill-provi u xhieda prodotti, jidher evidentement, li ċ-ċirkostanza ta' bejn il-familjari, jindikaw b'mod manifestament ċar, li ma kien hemm l-ebda kunflitt familjari. Anzi, kien hemm relazzjonijiet tajbin ħafna mad-defunti Olga Camilleri u Francis Xavier Camilleri, u ma binhom Anthony Camilleri, illum defunt, u kif ukoll man-neputijiet, ossija ulied Anthony Camilleri, l-istess rikorrenti fil-każ odjern.

51. Jirriżulta mill-provi li omm Anthony Camilleri, ossija Olga Camilleri, kienet ħadet ferm bi kbira it-telfa ta' binha, tant illi mietet ftit wara.

52. Kif tajjeb sottomess mill-istess rikorrenti rikonvenzjonati, anke wara l-mewt ta' Anthony Camilleri, ossija missier ir-rikorrenti, ma kienx hemm ombra ta' kunflitt jew inkwiet, u li kien jidher evidenti li ulied Anthony Camilleri kienu ser jidħlu fiż-żarbun tiegħu sabiex tinqasam l-eredita` ta' Olga Camilleri u Francis Xavier Camilleri. Dan huwa evidenti u implikat billi l-istess intimati rikonvenzjonanti, iffirmaw id-dikjarazzjoni *causa mortis* u qasmu l-wirt ta' Olga Camilleri, mart Francis Xavier Camilleri.

53. Inoltre`, huwa sinjifikanti ħafna dak li kkonferma fix-xhieda tiegħu Peter Camilleri, meta sostna li r-relazzjoni bejn il-ġenituri tiegħu Francis Xavier Camilleri u Olga Camilleri mal-ulied u man-neputijiet kienet relazzjoni tajba ħafna. Fil-fatt, hu jgħid hekk:

"*It was a great relationship……There were never any problems*."

54. Jirriżulta wkoll mill-provi u mix-xhieda fl-atti tal-każ, li mart id-defunt Anthony Camilleri, Rosemarie kienet baqgħet b'relazzjoni tajba mal-familja ta' żewġha tant li baqgħu jagħtu rigali lil xulxin fil-Milied. Dan kollu juri l-ambjent familjari seren u tajjeb li kien jeżisti bejniethom.

55. Din il-Qorti hija tal-fehma, li kieku għall-grazzja tal-argument, kien hemm xi kunflitt familjari, dan ċertament kien joħroġ u jirriżulta mill-provi waqt il-mori ta' dan il-każ.

56. Għalhekk, in vista tal-fatti u ċ-ċirkostanzi, huwa aktar propens, li l-kliem fil-klawsola 5 tat-testment *unica charta* jiġi korrett kif mitlub mir-rikorrenti b'mod li l-ewwel tissemma' s-sostituzzjoni, imbagħad l-akkrexximent. Għalhekk għandu jiġi miktub hekk, del resto kif mitlub fit-tielet talba, li l-klawsola ħamsa (5) tat-testment tas-6 ta' Awissu 2001 tinbidel u tiġi taqra: "*Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate and appoint as the sole and universal heirs of all their property, present and future, movable and immovable, in Malta or abroad, the four children namely: Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, with the substitution of their respective spouse and children, and with the right of accretion*."

57. In vista tas-suespost, din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, u ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Il-kontrotalba

58. L-intimati rikonvenzjonanti, fil-kontrotalba, talbu li jiġi dikjarat li r-rikorrenti Stephen Anthony Camilleri u Michelle Vella mhumiex l-eredi tad-defunta Olga Camilleri. Konsegwentement, ġie mitlub, li l-imsemmija rikorrenti jirrestitwixxu dak li ħadu mill-wirt ta' Olga Camilleri, u ġie mitlub ukoll li titħassar id-dikjarazzjoni magħmula fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-3 ta' Ottubru 2013 fl-atti tan-nutar Pierre Cassar.

59. Ir-rikorrenti rikonvenzjonati, preliminarjament eċċepew li l-kawża odjerna u t-talbiet jitrattaw il-wirt ta' Francis Xavier Camilleri u mhux il-wirt ta' Olga Camilleri, b'hekk it-talbiet tal-kontrotalba ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

60. Jirriżulta, li fil-każ in eżami, li l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet qamet wara l-mewt ta' Francis Xavier Camilleri, meta ir-rikorrenti diġa' kienu wirtu lil Olga Camilleri. Fil-fatt, it-talbiet kif dedotti huma diretti lejn il-wirt ta' Francis Xavier Camilleri u mhux għall-wirt ta' Olga Camilleri. Iżda, jirriżulta li t-testment tal-konjuġi defunti Olga u Francis Xavier Camilleri kien testment *unica charta* datat 6 ta' Awissu 2001. Għalhekk, il-kwistjoni fil-vertenza odjerna titratta l-istess testment *unica charta* tan-nanniet, illum defunti, tar-rikorrenti rikonvenzjonati.

61. Għaldaqstant, preliminarjament, ma jistax jingħad li t-talbiet fil-kontrotalba ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

62. Konsegwentement, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tar-rikorrenti rikonvenzjonati għall-kontrotalba.

63. Ikkunsidrati l-eċċezzjonijiet fil-mertu tar-rikorrenti rikonvenzjonati, jibda biex jingħad, li dak mitlub fil-kontrotalba huwa ekwivalenti għal diseridazzjoni tar-rikorrenti mill-wirt ta' Francis Xavier Camilleri. Minn qari akkurat tat-testment, u minn eżami tal-provi fl-atti tal-każ, imkien ma jirriżulta li id-diseridazzjoni kienet l-intenzjoni tad-decujus. Inoltre`, minn imkien fit-testment *unica charta* tal-konjuġi Camilleri ma jidher li xtaqu jħallu barra mill-wirt lir-rikorrenti.

64. Di piu`, kif sewwa eċċepit fit-tmien eċċezzjoni għall-kontrotalba, dak mitlub li r-rikonvenzjonati jiġu mneħħija mill-wirt li għadda fil-pussess tagħhom, u li mhumiex werrieta tad-defunta Olga Camilleri, dawn it-talbiet jammontaw għal attakk tal-aċċettazzjoni tagħhom stess tal-imsemmi wirt kif inhu sal-lum, u dan mingħajr ma qed tingħata raġuni valida dwar dan.

65. Din il-Qorti tmur oltre` fir-raġunament, u tirrileva, li dak mitlub fil-kontrotalba, mhux biss ma ngħatax raġuni valida, iżda ma ġiex sostanzjat bil-provi.

66. Hawnhekk, din il-Qorti ser terġa' tislet mill-provi ir-riżultanzi, li kienu jirriflettu l-ambjent familjari tal-familja Camilleri. Rosemarie Camilleri, il-mara tad-defunt Anthony Camilleri xehdet li żewġha miet ta' 64 sena qabel il-ġenituri tiegħu Olga u Francis Xavier Camilleri, Olga Camilleri kienet ħadet bi kbira ferm il-mewt ta' binha Anthony Camilleri, u sussegwentement ftit wara mietet hi.

67. Jirriżulta wkoll, li Rosemarie baqgħet b'relazzjoni tajba ħafna mal-familjari ta' żewġha tant li baqgħu jagħtu lil xulxin rigali kull Milied. Di piu`, ir-rikorrenti rikonvenzjonati, li jiġu in-neputijiet ta' Olga u Francis Xavier Camilleri kellhom relazzjoni eċċellenti tant li Stephen u Francis Xavier kienu dejjem imorru l-festa ta' Santa Marija Ħ'Attard flimkien u dan ġie kkonfermat minn diversi xhieda.

68. Kif diġa' ribadit, din hija xhieda tan-nuqqas ta' kunflitt u tar-relazzjonijiet familjari tajbin li kienu jeżistu. Huwa proprju għalhekk, li wieħed ma jistax jislet l-ebda raġunijiet, u motivi mill-kumpless tal-provi, għal xi forma ta' diseridazzjoni. Għalhekk, ma jirriżultax, li kien hemm intenzjoni da parti tad-decujus li jeskludu lil binhom Anthony Camilleri illum defunt u /jew lil uliedu mill-wirt tagħhom.

69. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma, li dak mitlub fil-kontrotalba mhuwiex bl-ebda mod konfortat bi provi in sostenn għal dak mitlub. Kuntrarjament għal dak mitlub, jirriżulta l-ambjent seren ta' familja magħquda mingħajr ebda kunflitti.

70. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tilqa' l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u t-tmien eċċezzjonijiet għall-kontrotalba.

71. Mis-suespost, u kif diġa ribadit, u mix-xhieda tan-Nutar jidher evidentement, li dak indikat fil-ħames artikolu tal-imsemmi testment, ġie indikat hekk mhux bil-volonta` espressa tad-decujus, iżda għall-fatt, kif inkitbet dak il-ħin min-Nutar Herbert Cassar. tant huwa hekk, li jirriżulta mill-provi, li anke uħud mill-intimati rikonvenzjonati stess skantaw meta saru jafu li l-interpretazzjoni ta' kif tniżżlet is-sekwenza fl-imsemmi artikolu, fejn tniżżel l-akkrexximent qabel is-sostituzzjoni, wasal lin-neputijet ma jirtux lin-nanniet. Tant huwa hekk, li dan ġie rivelat biss, meta l-eredi kienu marru għand in-nutar Vanessa Grech li interpretat il-kalwsola b'dan il-mod. Sinjifikanti wkoll, hija x-xhieda ta' Philip Camilleri, meta sostna li wara l-mewt ta' ommu Olga, missieru Francis Xavier kien tah istruzzjonijiet biex jidderiġi l-*causa mortis* ta' ommu, u spjega li huwa kien mar għand in-nutar Pierre Cassar u ħalla kollox f'idejh għaliex ma kienx jifhem f'dawn l-affarijiet. Dan kollox juri li kollox sar bl-intenzjoni li l-ulied kollha tad-defunti konjuġi Camilleri jkunu eredi.

72. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva li dan kien żball da parti tan-nutar anke għaliex meta wieħed jikkunsidra dak li qed jiġi interpretat, hawnhekk si tratta tal-kliem '*bl-akkrexximent u jew is-sostituzzjoni*'.

73. Kif tajjeb sottomess mir-rikorrenti rikonvenzjonati fis-sottomissjonijiet tagħhom, huwa inkonċepibbli li kienu t-testaturi li riedu li jinkiteb l-ewwel l-akkrexximent u mhux is-sostituzzjoni. Dan jagħmel sens aktar u aktar, meta in-Nutar fix-xhieda tiegħu afferma li hekk kien jikteb u li anke esebixxa numru ta' testmenti oħra f'dan ir-rigward.

74. Konsegwentement, ladarba jidher ċar, li kien lapsus legali fis-sekwenza tal-kitba, tilqa' is-seba' eċċezzjoni tal-intimati rikonvenzjonati, u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha tal-kontrotalba fl-intier tagħhom."

7. Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Camilleri li deher ukoll bħala mandatarju speċjali f'isem ħuh Peter Paul Camilleri, assenti minn dawn il-gżejjer u Maria Pisani, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex:

(i) Fir-rigward tat-talba prinċipali: tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Frar, 2023, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u minflok tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom. Bl-ispejjeż kontra l-appellati.

(ii) Mentri fir-rigward tal-kontrotalba: tvarja, tirriforma u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-appellati fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali tagħhom, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija tagħha u minflok tilqa' t-talbiet tal-appellanti skont il-kontrotalba tagħhom u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-appellati fir-rigward tal-istess kontrotalba. Bl-ispejjeż kontra l-istess appellati.

8. Rat ir-risposta tal-appell ta' Michelle Vella u Stephen Anthony Camilleri li permezz tagħha wieġbu li s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Frar, 2023, hija korretta u ġusta, u timmerita li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha u dan l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi dan il-każ jitratta azzjoni da parti tal-atturi sabiex jiġi dikjarat li l-mod li tniżżlu xi kliem fit-testment *unica charta* tat-testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar tas-6 ta' Awwissu, 2001, ma jirriflettix l-intenzjoni tat-testaturi, peress li tniżżlu fis-sekwenza żbaljata, fis-sens li l-ewwel kellha titniżżel is-sostituzzjoni u mbagħad l-akkrexximent. Konsegwentement talbu li huma jiġu dikjarati l-werrieta universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom il-mejjet Anthony

Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, kif ukoll li tiġi ordnata l-korrezzjoni relattiva. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

12. Filwaqt li l-konvenuti, iressqu d-difiża li ma hemm l-ebda żball fis-sekwenza ta' kliem użat fit-testment in kwistjoni u li l-istess testment jirrifletti l-intenzjoni tat-testaturi. B'hekk, ġaladarba missier l-atturi, Anthony, ġie nieqes qabel ommu u missieru, l-atturi qatt ma setgħu jirtu lin-nanniet tagħhom. Għaldaqstant jopponu t-talbiet tal-atturi u talbu lill-Qorti tiċħad l-istess, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

13. Il-konvenuti ressqu wkoll kontrotalba, li permezz tagħha talbu lill-Qorti tiddikjara li l-atturi mhumiex eredi tad-defunta Olga Camilleri u għalhekk dak kollu li l-atturi ħadu ndebitament mill-wirt tagħha, għandu jiġi restitwit lura minnhom lill-konvenuti, werrieta ta' ommhom, id-defunta Olga Camilleri. Talbu lill-Qorti tikkundanna lill-atturi sabiex jirrestitwixxu dak kollu li huma ħadu indebitament mill-wirt tad-defunta Olga Camilleri u li tordna li titħassar id-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fit-3 ta' Ottubru, 2013, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar u li tistabbilixxi data, lok u ħin u taħtar nutar u kuraturi deputati sabiex jidhru għall-assenti, jekk ikun il-każ. Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

14. L-atturi rikonvenzjonati wieġbu għall-imsemmija kontrotalba permezz ta' eċċezzjoni preliminari fis-sens li l-kontrotalba ma tissodisfax

ir-rekwiżit tal-Artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ladarba l-azzjoni attriċi titratta l-wirt ta' Francis Xavier Camilleri u għalhekk ma jistgħux jitolbu r-restituzzjoni tal-wirt ta' persuna oħra, jiġifieri ta' Olga Camilleri, kif ukoll ċaħdu l-pretensjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti fil-mertu, għar-raġunijiet hemm imfissra.

15. Filwaqt li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward tal-azzjoni attriċi u laqgħet it-talbiet tal-atturi u ddikjarat fost affarijiet oħra, li l-atturi huma l-werrieta universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, ordnat ukoll il-korrezzjoni mitluba; fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari, iżda laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati fil-mertu u għalhekk ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.

16. Il-konvenuti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tal-konvenuti appellanti jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali:

(i) Fl-ewwel aggravju tagħhom, filwaqt li jagħmlu referenza estensiva għas-sentenza appellata, il-konvenuti appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti żbaljat fid-deċiżjoni tagħha meta awtorizzat il-korrezzjoni tal-ħames klawsola tat-testment ta' Francis Xavier Camilleri, fl-atti tan-Nutar Herbert

Cassar fis-6 ta' Awwissu, 2001 u taħt dan l-aggravju jitqajmu s-segwenti punti:

- Jingħad mill-konvenuti appellanti li permezz tal-azzjoni attriċi, tintalab mill-Qorti interpretazzjoni tal-klawsola 5 tat-testment in eżami u mhux impunjazzjoni tiegħu u għalhekk kellhom japplikaw l-Artikoli 683 u 692 tal-Kodiċi Ċivili.

- Isostnu li minn qari sempliċi tal-klawsola fit-testment għandu jirriżulta li (a) t-testaturi Olga u Francis Xavier konjuġi Camilleri ħatru bħala uniċi eredi universali lill-erba' uliedhom Philip, Anthony, Peter Paul u Maria fi kwoti ugwali bejniethom u (b) f'każ li xi ħadd mill-eredi jiġi nieqes qabel it-testaturi kellu jiġi applikat id-dritt tal-akkrexximent l-ewwel u wara, jekk ikun il-każ, bid-dritt ta' sostituzzjoni tal-miżżewweġ u t-tfal.

- Ġaladarba missier l-appellati, Anthony ġie nieqes qabel il-ġenituri tiegħu, isostnu li l-ġid ta' Olga u Francis Xavier Camilleri, għadda fuq it-tliet ulied (l-appellanti odjerni) li sa dakinhar baqgħu ħajjin warajh.

- B'hekk jingħad mill-appellanti li meta l-Ewwel Qorti ordnat korrezzjoni tal-klawsola numru 5 tat-testment tas-6 ta' Awwissu, 2001, bidlet is-sens kollu tal-klawsola meta offriet interpretazzjoni u bidlet ukoll ir-rieda tat-testaturi.

- Jisħqu li l-klawsola in eżami hija ċara u ma kien hemm xejn inkonsistenti mal-kumplament tat-testment. Kwindi l-intenzjoni tat-testaturi kellha tittieħed mid-dispożizzjonijiet tat-testment u mhux minn ħafna affarijiet

estraneji bħax-xhieda li tressqet. Fin-nuqqas t'ambigwità, l-appellanti jinsistu mhuwiex leċitu li jinbidel is-sens ċar tat-testment.

- Issir referenza għall-ġurisprudenza estensiva ċitata minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Jistaqsu jekk b'dak li għamlet l-Ewwel Qorti kenitx interpretazzjoni tal-klawsola fit-testment, jew bidla fit-termini tat-testment.

- Jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li toqgħod fuq ix-xhieda tan-Nutar u dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sens li dan il-każ jitratta *lapsus* legali tan-nutar meta niżżel *accretion* qabel *substitution.*

- Iressqu l-argument li jekk huwa minnu li kien żball tan-nutar, dan kellu jwieġeb għalih u mhux ibatu huma ghan-nuqqas tieghu.

- Jekk l-appellati dehrilhom li għandhom xi jeddijiet ereditarji, huma għandhom rimedji legali oħra.

- L-appellanti jistaqsu kif ser jitbiddel artikolu fit-testment meta t-testaturi huma defunti.

- Ifissru li apparti li l-*causa mortis* hija dikjarazzjoni unilaterali, li ma tagħti ebda jeddijiet proprjetarji jew titolu lill-persuna li tagħmilha, l-effett ta' dak ordnat mill-Ewwel Qorti jfisser li kellha tiret ukoll omm l-appellati, Rose Marie Camilleri.

- It-testmenti l-oħra esebiti min-Nutar Cassar ma jfissru xejn ħlief li n-nutar qiegħed jikteb il-klawsola b'mod żbaljat u għal dan l-iżball m'għandhomx jagħmlu tajjeb l-appellanti.

- Huma ressqu bħala prova wkoll l-ewwel testment tal-konjuġi Camilleri, fejn riedu li jirtuhom l-erba' uliedhom bid-dritt tas-sostituzzjoni tar-rispettivi wliedhom – dan, fil-fehma tal-appellanti, ikompli jsaħħaħ l-argument tagħhom li l-intenzjoni tal-ġenituri tagħhom kienet ċara.
- Ma hemm xejn illegali jew li jmur kontra l-liġi li l-ewwel ikun hemm l-akkrexximent u wara jkun hemm is-sostituzzjoni u f'kull każ, hija l-volontà tat-testatur li għandha tirregola d-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu u mhux il-liġi, sakemm il-liġi ma tivvjetax l-istess dispożizzjonijiet.
- Jagħmlu referenza għall-Artikoli 737 (dwar il-jedd tal-akkrexximent) u 745 (dispożizzjoni ta' testment mingħajr effett jekk dak li favur tiegħu ssir imut qabel it-testatur u li d-dixxendenti tal-werriet jidħlu minflok il-werriet, sakemm it-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra). Dan sabiex isostnu li ma hemm xejn kontra l-liġi li f'dan il-każ, it-testaturi ddisponew li l-ewwel ikun hemm l-akkrexximent, imbagħad is-sostituzzjoni.

Għalhekk jinsistu li l-ewwel aggravju tagħhom kellu jintlaqa' u s-sentenza appellata tiġi revokata, sabiex minflok jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tagħhom u t-talbiet attriċi jiġu miċħuda.

(ii) Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, il-konvenuti appellanti jilmentaw li meta l-Ewwel Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-klawsola numru 5 tat-testment tas-6 ta' Awwissu, 2001, ġie li wirtet omm l-appellati, li minkejja li xehdet, mhix u qatt ma kienet parti f'din il-kawża.

(iii) Fit-tielet aggravju tagħhom, il-konvenuti appellanti jikkontestaw il-fatt li l-ewwel Qorti ċaħdet il-kontrotalba tagħhom, peress li rriteniet li din

hija ekwivalenti għal diżeredazzjoni tal-atturi mill-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, jew li qegħdin jattakkaw l-aċċettazzjoni tagħhom stess tal-imsemmi wirt, mentri huma tal-fehma li taw raġuni valida u ssostanzjaw il-każ tagħhom bil-provi, kemm legali kif ukoll fattwali. Ifissru li l-azzjoni rikonvenzjonali tal-appellanti hija bbażata fuq il-fatt li l-appellati rċevew bi żball ħaġa li ma kellhomx jieħdu, la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali, u għalhekk għandhom irodduha lura lill-appellanti u dan skont l-Artikolu 1021 tal-Kodiċi Ċivili. Filwaqt li l-appellanti huma l-eredi tal-ġenituri tagħhom, l-appellati mhumiex u għalhekk dawn ħadu xi ħaġa (wirt ta' Olga Camilleri) li mhix mistħoqqa lilhom u għalhekk għandhom irodduha lura. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* hija biss dikjarazzjoni unilaterali u b'daqshekk l-atturi ma sarux eredi. Meta l-partijiet marru għand in-Nutar Pierre Cassar, li jaħdem fl-istess uffiċċju tan-Nutar Herbert Cassar, isostnu li ħallew kollox f'idejh u ma kellhomx għalfejn jiddubitaw minn dak li ngħad lilhom, fdawh u ma ħadux parir fir-rigward. Kien biss meta marru għand in-Nutar Vanessa Grech, li skoprew li l-atturi ma kellhomx dritt jipparteċipaw fil-wirt tal-ġenituri tagħhom, peress li ma kinux eredi. It-titolu jingħata lill-eredi minn dak li jingħad mit-testatur u mhux minn dak li jingħad fid-dikjarazzjoni *causa mortis,* li hija ntiża għal skop fiskali u mhux sabiex jinkiseb xi titolu jew jedd. Inoltre, kull flus li setgħu ħadu l-appellati permezz ta' bejgħ, mingħajr ma kien imisshom għandhom jintraddu lura skont l-Artikolu 1023 tal-Kodiċi Ċivili. Il-fatt li kien hemm relazzjoni tajba bejn l-appellati u n-nanniet tagħhom ma

jagħmilhomx eredi. Il-fatt li skont l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellati li sar *lapsus* legali da parti tan-nutar, ifisser li l-appellati kellhom jaraw dik il-kwistjoni miegħu u mhux mal-appellanti, ladarba l-ambigwità ma tirriżultax.

17. Illi għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti tista' tasal li taqbel ma' bosta prinċipji esposti mill-konvenuti appellanti, fl-ewwel aggravju tagħhom, fis-sens li testment huwa espressjoni tal-volontà tat-testatur li jiddisponi minn ġidu wara mewtu u li tali volontà hija dik li tirriżulta mill-att innifsu. Hekk li diversi awturi u l-ġurisprudenza dejjem irritenew li m'għandhiex tingħata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur, iżda fejn id-dispożizzjoni testamentarja hija ċara, din għandha tingħata effett. (Ara bħala eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' April, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Maryrose Mifsud v. Avukat Dr. Joseph Bartolo**).

18. Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ġunju, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona proprio et nomine v. Professur John Joseph Cremona et** fejn b'referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Rose Alden proprio et nomine et v. Raphael Pace** ngħad:

> *"... <u>hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali</u>. "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' - "Carmelina Mifsud et -vs-Matilde Pullicino et". 13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna",*

*Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;*

*Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi "quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto" - "Camilla Mallia -vs- Carlo Mamo et", Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P I p 729)"*

Għalhekk, skont in-normi tal-interpretazzjoni ta' testmenti, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti hija li tara x'kienet l-intenzjoni tat-testatur minn qari tat-testment innifsu.

19. Il-problema li din il-Qorti tirriskontra fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, hija li minkejja li għamlet referenza għal din il-ġurisprudenza, straħet aktar fuq ix-xhieda li ngħatat min-Nutar u fuq il-provi u x-xhieda mressqa dwar in-nuqqas ta' kunflitt familjari u r-relazzjoni tajba bejn missier l-atturi appellati u wara l-mewt tiegħu, l-istess atturi appellati mad-defunti Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, mentri ftit li xejn ingħatat attenzjoni għall-kliem li ntuża fl-istess testment. Madankollu, il-Qorti hija marbuta li l-ewwel tipprova tasal għar-rieda tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu, mingħajr ma tagħti qies ta' provi oħra. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech et v. Michael Fenech**).

20. Din il-Qorti trid tapplika il-prinċipji hawn qabel ċitati, fil-qafas tal-azzjoni attriċi li titratta l-interpretazzjoni ta' testment, in kwantu jingħad li ma jirriflettix l-intenzjoni tat-testaturi, peress li tniżżlu f'sekwenza żbaljata d-dritt tal-akkrexximent u d-dritt ta' sostituzzjoni, meta fil-ħames klawsola tat-testment *unica charta* ta' Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu, 2001, ingħad hekk:

> *"Without prejudice to the foregoing articles the testators nominate as the sole and universal heirs of all their property, present and future, movable and immovable, in Malta or abroad, their four children namely: Philip, Anthony, Peter Paul and Maria wife of Francis Xavier Pisani, brothers and sister Camilleri, in equal parts between them, with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children."*

21. Meta din il-Qorti eżaminat il-klawsola tat-testment in kwistjoni, ma tirriżultax li d-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni hija ċara daqs kemm isostnu l-konvenuti appellanti u ċertament ma jistax jingħad li ma jitqanqlux dubji. It-testaturi jinnominaw lill-erba' wliedhom bħala eredi f'ishma ugwali bejniethom. Sussegwentement, għalkemm huwa minnu li l-ewwel ma jissemma huwa d-dritt tal-akkrexximent, iżda din il-Qorti tqis li wieħed ma jridx jieqaf hemm, peress li dan id-dritt għandu jinqara fil-kuntest tal-bqija tad-dispożizzjoni testamentarja, jiġifieri: "*and with the substitution of their respective spouse and children.*" Minn qari sħiħ tal-imsemmija sentenza, ma jissemmiex biss id-dritt ta' akkrexximent, iżda wkoll dak tas-sostituzzjoni.

22. Kif ġustament osservat mill-atturi appellati, fir-risposta tal-appell tagħhom, ġaladarba jingħata effett minnufih għad-dritt tal-akkrexximent, ma jista' jkollok l-ebda sostituzzjoni. Isegwi li l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenuti appellanti ġġib fix-xejn l-użu tad-dritt ta' sostituzzjoni msemmi mit-testaturi fit-testment in eżami. Apparti minn hekk, b'rabta mad-dritt tas-sostituzzjoni hemm ukoll l-użu tal-kelma "respective" fil-każ tal-konjuġi u l-ulied. Din il-kelma li skont id-dizzjunarju Oxford tfisser "*belonging or* ***relating separately to each of two or more people*** *or things",* twassal lil din il-Qorti għall-fehma li bl-użu ta' din il-kelma, it-testaturi ma setgħux ħlief ifissru li d-dritt ta' sostituzzjoni kellu japplika għal kull wieħed mill-eredi (liema sostituzzjoni tiġi applikata f'każ ta' premorjenza ta' xi wieħed mill-eredi għat-testaturi). Dan ixejjen l-argument tal-konvenuti appellanti li l-ewwel kellu jiġi applikat id-dritt tal-akkrexximent, u dan bl-esklużjoni li jiġi applikat id-dritt tas-sostituzzjoni favur l-atturi appellati, li huma wlied Anthony Camilleri, wieħed mill-eredi msemmija minn Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri. Dan jingħad peress li, ma jagħmilx sens li tissemma s-sostituzzjoni fit-testment, jekk din qegħda tiġi eskluża b'dak li jissemma l-ewwel bħala sekwenza fid-dispożizzjoni in eżami, jiġifieri l-akkrexximent. Fi kliem il-Professur Caruana Galizia fin-notamenti tiegħu dwar l-Artikolu 683 tal-Kap. 16 invokat mill-konvenuti appellanti, fost affarijiet oħra jgħid li minkejja fejn dispożizzjoni hija ċara ma hemmx ħtieġa ta' interpretazzjoni, min-naħa l-

oħra: *"interpretation is necessary where the disposition is obscure or inconsistent with other dispositions"* . (Paġna 994)

23. Ingħad ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti **Zammit Tabona proprio et nomine v. Cremona et,** ċitata qabel:

> *"...il-problema ta' x'jigri f'kaz ta' allegat diskordju bejn il-kliem uzat f'testment u l-intenzjoni tat-testatur ilha dibattuta fid-duttrina u l-gurisprudenza, izda ma jidhirx li s-soluzzjoni xi darba kienet li l-intenzjoni tat-testatur ghandha dejjem tirbah fuq it-tifsira cara tal-kliem uzati mit-testatur. L-awtur Giovanni Criscuoli fil-ktieb tieghu "Il Testamento" (CEDAM Ediz. 1991) f'pagni 321-322, jispjega li din il-materja dejjem holqot diffikulta` fid-duttrina, pero` jikkonkludi li l-kliem uzati mit-testatur m'ghandhomx jigu facilment skartati. Hu jfisser il-hsieb tieghu b'dan il-mod:*
> *"Dicendo del processo conoscitivo ricordiamo, che giudici e dottrinari sono d'accordo nell'individuare il suo oggetto specifico nella ricerca dell'effettiva volontà del testatore (Bianca, Bigliazzi Geri, Cicu, Giampiccolo, Giannattasio, Grassetti, Perego). Ma sorgono subito difficoltà quando si tratta di stabilire la via da percorrere per condurre ottimalmente quella ricerca: perché da un lato sta il formalismo testamentario che imbriglia l'indagine, mentre dall'altro giuoca il problema del peso da dare alle norme ermeneutiche contrattuali vuoi in rapporto alla loro compatibilità con la struttura testamentaria vuoi in relazione alle specifiche norme interpretative dettate per il testamento.*
>
> *In particolare, l'incidenza del formalismo testamentario è decisiva ai fini di un ricorso ad elementi extratestuali per l'accertamento della reale volontà del testatore. Gli inglesi, di fronte allo stesso problema, dicono che "if one looks outside the will, the requirement that a will must be in writing is seriously threatened", o, in altre parole, che "the requirement for a will to be in writing could then be made an empty formality, (Mellows A.R., The law of succession, London, 1977, 148). Non si può – su questo punto – non essere d'accordo con loro. Il ricorso ad elementi esterni è ammissibile nella misura in cui non si vanifica il formalismo."*
>
> *Il Corte ta' Kassazzjoni ta' l-Italia, f'decizjoni li tat fis-26 ta' Mejju, 1989 (kaz numru 2556), osservat li: "L'interpretazione della scheda testamentaria, in base ad una congrua applicazione dell'art. 1362 c.c., deve essere rivolta a cogliere la reale intenzione del testatore, al di là delle espressioni in concreto usate quando si manifesti evidente, nella valutazione complessiva dell'atto, che tali espressioni sono state adoperate in un senso diverso da quello loro comune."*

> *... ir-Ricci (Corso Teorico – Prattico di Diritto Civile, Vol, III – "Delle Successioni") jishaq, f'pagna 119 fuq il-htiega li tigi rispettata "l'intenzione del testatore", pero` jghid dan fil-kuntest ta' dak li kien ghadu kemm ikkwota li gie deciz mill-Qorti Suprema ta' Turin fid-29 ta' Gunju, 1872, fis-sens illi:*
>
> *"Attesochè se è vero che, cum in verbis nulla ambiguitas est non debet admitti voluntatis quaestio, questa regola generale soffre eccezione se sorge dubbio che chi adoperò una data locuzione non ne conoscesse il vero significato. A fronte di un tale dubbio la parola adoperata perde la sua chiarezza; inutilmente s'invoca il significato proprio della parola, la quale è data per esprimere l'idea, se sorge fondato dubbio che l'idea non corrisponda alla parola stessa; in tal caso è evidente che, non ostante la chiarezza delle espressioni, la questione di volontà sorge in tutta la sua pienezza."*

24. Aċċertat li bl-użu tal-kelma akkrexximent qabel id-dritt ta' sostituzzjoni nħolqot ċertu ambigwità, dan kellu jwassal lill-Ewwel Qorti li bilfors kellha tagħti l-interpretazzjoni tagħha sabiex tasal għall-intenzjoni tat-testaturi, peress li l-ambigwità f'dispożizzjoni testamentarja tfisser il-ħtieġa li jiġu mistħarrġa ċ-ċirkostanzi u fatti riżultanti mill-provi li jistgħu jixħtu dawl fuq x'kienet sewwa sew il-volontà tat-testaturi. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Buttigieg nomine v. Anthony Cauchi proprio et nomine,** meta jirriżulta dubju dwar is-sens tal-kliem, allura hemm lok għall-interpretazzjoni sabiex wieħed jasal għall-intenzjoni tat-testatur. Jiġifieri, kien f'dan l-istadju, wara li jiġu mistħarrġa l-kliem tat-testment, li kellu jsir dak l-eżercizzju li wettqet l-Ewwel Qorti u taħt dan l-aspett, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjoni tal-provi min-naħa tal-Ewwel Qorti u f'dan is-sens tagħmilhom tagħha wkoll.

25. Din il-Qorti żżid tgħid li huwa mifhum li t-testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, bħal persuni oħra li ma jkollhomx sfond t'għarfien legali, mhux ser ikunu jafu t-tifsir tal-kliem bħal akkrexximenti u sostituzzjoni u allura jiddependu minn dik il-persuna legali li tkun qegħda tiggwidahom fit-tħejjija tat-testment xhieda tal-volontà tagħhom. F'dan l-isfond, tikseb importanza kbira dak li xehed in-Nutar Herbert Cassar, in kwantu xehed li minkejja s-sekwenza dejjem użata minnu, dejjem ifisser li l-ewwel għandha tapplika s-sostituzzjoni u wara l-akkrexximent, hekk kif jiġri fil-każijiet regolati bil-liġi fejn ma jkunx hemm testment. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, mill-provi rriżulta li l-intenzjoni tat-testaturi Francis Xavier u Olga Camilleri, kienet li riedu jħallu bħala eredi lill-erba' wliedhom f'ishma ndaqs, mingħajr l-ebda preferenza ma' ħadd u f'każ li jiġi nieqes xi wieħed mill-eredi qabel il-mewt tagħhom, allura kellha tapplika s-sostituzzjoni. B'applikazzjoni tal-Artikoli 683 u 692 imsemmija mill-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, din hija l-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti.

26. Hekk ukoll, il-fatt li fl-ewwel testment ta' Francis Xavier u Olga Camilleri tat-2 ta' Frar, 1985, fejn hemm kienu fissru li riedu li jirtuhom l-erba' wlied bid-dritt ta' sostituzzjoni tar-rispettivi wliedhom (mingħajr ma tissemma l-akkrexximent) tkompli ssaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti, li minkejja li l-ewwel testment kien sar għand nutar differenti, dejjem kienet ir-rieda tat-testaturi li tapplika s-sostituzzjoni favur l-ulied superstiti l-eredi

msemmija minnhom, iżda fl-aħħar testment issemma wkoll l-akkrexximent kif ukoll id-dritt ta' sostituzzjoni wkoll favur is-*surviving spouse.* Din il-Qorti wkoll mhix konvinta li t-testaturi riedu jeskludu lin-neputijiet mit-testment, f'każ li jiġi nieqes wieħed mill-eredi.

27. Interessanti wkoll hija s-sentenza **Grima utrinque** (deċiża mill-Prim'Awla fl-24 ta' Frar, 1899, Kollez. XVII.ii.30) kif ċitata fis-sentenza **Fenech utrinque** hawn qabel imsemmija, fejn apparti li l-Qorti siltet l-intenzjoni tat-testatur mill-kitba testamentarja nnifisha, qalet ukoll li fid-dubbju dwar il-volontà tat-testatriċi, kellhom japplikaw ir-regoli tal-liġi tas-suċċessjoni *ab intestato:*

> *"Atteso che nel dubbio è da ritenere che la disponente siasi uniformata alle disposizioni della legge riguardo la successione, ed è certo che, secondo l'ordine successorio legale, la convenuta sarebbe chiamata all'eredità di Concetta Carabott."*

Għalhekk, f'kull każ, jekk jibqa' xi dubju dwar l-intenzjoni tat-testaturi Francis Xavier u Olga Camilleri, tibqa' l-presunzjoni li t-testaturi riedu jimxu mar-regoli tal-liġi tas-suċċessjoni *ab intestato.* Hija f'dan is-sens li trid tinftiehem ix-xhieda tan-Nutar Herbert Cassar, meta jingħad minnu li minkejja li fil-klawsola tat-testment jissemma d-dritt tal-akkrexximent qabel is-sostituzzjoni, fl-aħħar mill-aħħar dejjem jimxu skont ir-regoli ta' min imut mingħajr testment, li l-ewwel tiġi s-sostituzzjoni u mbagħad l-akkrexximent (ara fol. 211-212 tal-proċess) u għalhekk minkejja li huwa dejjem kitibha b'dan il-mod (u dan kif debitament sostanzjat b'numru ta'

testmenti redatti minnu esebiti in atti), jispjega li l-intenzjoni hi li l-ewwel tapplika s-sostituzzjoni u mbagħad l-akkrexximent.

28. Isegwi li minkejja li din il-Qorti qieset il-punti mqanqla mill-konvenuti appellanti taħt l-ewwel aggravju, ma tarax li dan l-aggravju tagħhom jista' jirnexxi. L-uniku punt li fih il-konvenuti appellanti għandhom raġun, huwa li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li jitbiddel l-artikolu fit-testment, meta t-testaturi huma defunti. It-tifsira tal-klawsola mill-Ewwel Qorti kellha tkun bizzejjed biex dak li seta' ma kienx ċar fit-testment ikun iċċarat u li l-jeddijiet mogħtija jimxu mat-tifsira mogħtija, bla ma hemm il-ħtieġa ta' tbagħbis ma' l-att li l-awturi tiegħu ma għadhomx aktar magħna. Għalkemm huwa minnu li s-sekwenza ta' kif tniżżlu l-akkrexximent u s-sostituzzjoni hija żbaljata, u għalhekk kellhom jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet attriċi, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa biżżejjed li jingħad li sa fejn l-ewwel talba attriċi titlob interpretazzjoni tad-dispożizzjoni testamentarja tal-intenzjoni tat-testaturi, jingħad li l-interpretazzjoni loġika ta' dak li t-testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri riedu jiddisponu permezz tat-testment *unica charta* hi li kellha tiġi applikata r-regola tas-sostituzzjoni favur l-atturi, ulied id-defunt Anthony Camilleri. Għalhekk, minkejja li ser tiġi kkonfermata s-sentenza appellata fejn ddikjarat lill-atturi eredi universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, jeħtieġ li s-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li t-tielet talba ma tistax tintlaqa'.

29. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak fejn il-konvenuti appellanti jilmentaw li meta l-Ewwel Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-klawsola numru 5 tat-testment tas-6 ta' Awwissu, 2001, ġiet li wirtet omm l-appellati li qatt ma kienet parti mill-kawża. Kif osservat mill-appellati, l-Ewwel Qorti ma żiedet l-ebda partijiet jew klawsoli ġodda għat-testment ta' Francis Xavier u Olga Camilleri, iżda ordnat biss li ssir inverżjoni tal-kliem. Inoltre, kif ingħad qabel, din il-Qorti ser tirriforma s-sentenza appellata u mhix ser tordna li tinbidel is-sekwenza tal-kliem fit-testment, iżda sempliċement ser tiddikjara li l-kliem "*with the right of accretion and with the substitution of their respective spouse and children*" fil-ħames klawsola tat-testment *unica charta* tat-testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, ippubblikat fl-atti Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu, 2001, is-sekwenza ma tirriflettix l-intenzjoni tad-*decujus*, u tniżżlu fis-sekwenza żbaljata b'tali mod li l-ewwel kellha titniżżel is-sostituzzjoni u mbagħad l-akkrexximent. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi wkoll li l-atturi huma fost il-werrieta universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom il-mejjet Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri flimkien mal-appellanti. Dan apparti li, strettament din is-sentenza torbot lill-partijiet fil-kawża u mhux lil terzi li mhumiex parti fil-kawża. Isegwi li ma hemmx ħtieġa li t-tieni aggravju jitqies ulterjorment.

30. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak fejn il-konvenuti appellanti jilmentaw bil-fatt li (salv li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-atturi rikonvenzjonati) l-Ewwel Qorti ċaħdet il-kontrotalba tagħhom. Magħmula l-konsiderazzjonijiet taħt l-ewwel aggravju, fejn jingħad li skont l-intenzjoni tat-testaturi, l-atturi ġustament huma fost il-werrieta universali bis-sostituzzjoni ta' missierhom il-mejjet Anthony Camilleri, tal-wirt ta' Francis Xavier Camilleri flimkien mal-appellanti, l-istess prinċipji għandhom japplikaw bl-istess mod fil-każ tal-wirt ta' Olga Camilleri, kif wara kollox il-kontendenti fil-kawża aċċettaw permezz tad-dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar, tat-3 ta' Ottubru, 2013. Tabilħaqq, il-fatt li wieħed mill-komparenti fuq dak l-att, Philip Camilleri, li kien qiegħed jidher ukoll f'isem missieru Francis Xavier Camilleri, tista' sservi biss ta' fejda li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti, kif qegħda tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, tassew tirrifletti l-volontà tat-testaturi konjuġi Camilleri. Dan jista' jfisser biss li l-atturi rċevew sehemhom mill-wirt ta' Olga Camilleri, bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-istess Francis Xavier Camilleri.

31. Minn dan kollu jsegwi li, il-pretensjonijiet tal-konvenuti appellanti bħala rikonvenzjonanti ma setgħu jirnexxu qatt, peress li ma jistax jingħad li l-atturi rikonvenzjonati appellati rċevew sehem mill-wirt ta' Olga Camilleri bi żball meta ma kienx jistħoqqilhom, jew b'tali mod li ma kellhomx jieħdu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas taħt dik naturali (Artikolu 1021) u li

għandhom iroddu lura dak li rċevew mill-istess wirt. Ċertament lanqas japplika l-Artikolu 1023, peress li wisq anqas jista' jingħad li l-atturi rċevew sehem mill-wirt ta' Olga Camilleri in *mala fede.* Għalhekk, lanqas it-tielet aggravju tal-appellanti rikonvenzjonanti ma jista' jirnexxi.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li ser tilqa' l-appell tal-konvenuti f'parti limitata u għalhekk filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-16 ta' Frar, 2023, fil-kawża fl-ismijiet premessi sa fejn fir-rigward tat-talbiet tal-atturi, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi, iżda tħassarha fejn laqgħet it-tielet talba attriċi u ordnat li ssir korrezzjoni fit-testment fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu, 2001; tikkonfermaha wkoll fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali sa fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari għat-talbiet rikonvenzjonali u laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu għat-talbiet rikonvenzjonali, u għalhekk, ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali kollha għar-raġunijiet spjegati.

Bl-ispejjeż in prim'istanza jitqassmu, sabiex fil-każ tal-azzjoni tal-atturi dawn għandhom jinqasmu fis-sehem ta' terz ($^1/_3$) jitħallas min-naħa tal-atturi, mentri s-sehem ta' żewġ terzi ($^2/_3$) għandu jitħallas min-naħa tal-konvenuti, filwaqt illi fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali, l-ispejjeż għandhom jintrefgħu kollha mill-konvenuti.

Fir-rigward tal-ispejjeż ta’ din l-istanza, għandhom jinqasmu sabiex is-sehem ta’ wieħed minn sitta ($^1/_6$) jitħallas mill-atturi appellati u s-sehem ta’ ħamsa minn sitta ($^5/_6$) jitħallas mill-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr